*- SEPARAZZJONI PERSONALI -*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Mejju 2001.**

**Kawza Numru. 19**
**Citaz. Numru. 2384/97/RCP.**

**Pier Giorgio Buttigieg**

**vs**

**Cheryl Buttigieg f'isimha proprio u ghan-nom ta' binhom Pier Luigi Buttigieg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata fis-17 ta' Ottubru 1997 a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-14 ta' Frar 1985 f'Kodaikanal, Indja skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala dokument "A" mill-liema zwieg tweldilhom tifel minuri Pier Luigi Buttigieg li llum ghandu hdax il-sena.

Illi l-imsemmija konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' sevizzji, mohqrija u inkompatibilita' ta' karattru da parti taghha b'rizultat li rrendiet impossibbli l-hajja matrimonjali.

Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' martu *ad mensa et thoro* skond digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili numru 1052/97 hawn anness u mmarkat bhala dokument "B".

L-istess attur talab li l-konvenuta, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

(2) tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri Pier Luigi Buttigieg f'idejn il-konvenuta bid-dritt ghall-attur ghall-hinijiet ta' visitazzjoni kif stabbiliti minn din il-Qorti.

(3) tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha bejn zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u wahda lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' divizjoni u fin-nuqqas tordna il-bejgh in subbasta tal-unika proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti u cioe l-fond "Kodaikanal” Triq il-Korvu, San Gwann.

(4) tinnomina, jekk ikun il-kaz, Nutar biex jircievi l-att opportun ta' separazzjoni.

(5) tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja fuq l-att pubbliku.

(6) tapplika kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 56 sa 59 tal-Kodici Civili u senjatament li tigi moghtija lill-istess attur il-pjena amministrazzjoni tal-beni tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti ma’ l-istess citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Cheryl Buttigieg fejn eccepiet:

1. Illi l-attrici taqbel li din l-Qorti ghandha tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti pero' ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. L-attrici taqbel li l-kura u l-kustodja ta' binha ghandha tigi fdata lilha.

3. Illi t-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li huma rritwali.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 13 *et sequitur* tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta a fol 14 fejn premettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Frar 1985 fl-Indja u minn dan iz-zwieg twieled tifel jismu Pier Luigi li llum ghandu tnax-il sena.

Illi l-attur irrenda ruhu hati lejn il-konvenuta ta’ sevizzi, mohqrija eccess u ngurji gravi b’mod li rrenda l-hajja konjugali mpossibbli.

Illi issa z-zwieg bejn l-kontendenti tkisser irrimedjabbilment.

L-istess konvenuta talbet ghalhekk l-attur jghid ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti b’tort unikament tal-attur.

2. tafda f'idejn il-konvenuta l-kura u kustodja tat-tifel minuri Pier Luigi.

3. tikkundanna lill-attur ihallas dik ir-retta alimentarja li joghgobha tiffissa ghall-minuri fuq imsemmi.

4. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

5. tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwsti li tinqasam f’zewg partijiet.

6. tapplika kontra l-attur l-effetti kontemplati fl-artkoli 48, 51, 53 tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-attur mill-ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 15 *et sequitur* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat a fol 19 tal-process, fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-firda personali bejn il-kontendenti hija ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi huwa dejjem agixxa fl-interess tal-familja kemm ta' martu kif ukoll ta' uliedu kollha sia mill-ewwel zwieg ta' martu u ta' ibnu Pier Luigi.

3. Illi ftit wara z-zwieg huma gew jghixu Malta mill-Indja u wara li martu u uliedha akkwistaw ic-cittadinanza Maltija, inqala' inkwiet serju familjari tant li huwa kellu jitlaq mid-dar matrimonjali.

4. Salv kull eccezzjoni ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni a fol 19 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta’ Frar 1999; tal-10 ta’ Novembru 1999; tat-3 ta’ Frar 2000; tal-4 ta’ April 2000; tal-1 ta’ Gunju 2000 fejn xehed l-attur. Dr Edward Debono ddikjara li m’ghandux provi aktar. Il-

partijiet qablu li d-dar konjugali nxtrat wara li l-partijiet akkwistaw residenza permanenti f'Malta. Xehdet ukoll il-konvenuta; tat-3 t'Ottubru 2000 fejn xehed Dr Peter Muscat in kontro-ezami. Dr Doreen Clarke ddikjarat li m'ghandiex provi aktar; tat-30 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2001; u tas-6 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop ghall-24 ta' Mejju 2001.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. IL-VERTENZA ODJERNA.

Illi l-attur istitwixxa din il-kawza sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija da parti tal-konvenuta. Huwa qed jitlob illi din il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri f'idejn il-konvenuta bid-dritt ghall-attur ghall-hinjiet ta' visitazzjoni; kif ukoll talab ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi min-naha taghha l-konvenuta eccepiet li r-ragunijiet ghall-firda personali huma mputabbli lill-attur. Fil-fatt

hi procediet ukoll b'kontro-talba, u l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu baqa' jsostni li r-ragunijiet ghal tali firda huma mputabbli lill-konvenuta.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) XHIEDA PRODOTTI.

Illi fix-xhieda tieghu **l-attur** ikkonferma d-dikjarazzjoni akkumpanjanti c-citazzjoni, kif ukoll id-dikjarazzjoni mat-talba rikonvenzjonali. Huwa spjega li qabel ma zzewweg kien Patri Gezwita ghal dsatax-il sena. Hu mar l-Indja fuq xoghol u sar jafha hemm u hi kienet armla bi tlett itfal. Dak iz-zmien huwa kien diga iddecieda li jitlaq l-ordni tal-Gezwiti.

Hu accetta xoghol l-Indja bhala *counsellor* u ghalliem tal-psikologija. Meta tela' hemm hekk wara ftit xhur izzewweg lil martu u wara l-ewwel sena taz-zwieg twieled binhom. Meta zzewgu il-konvenuta marret toqghod fid-dar moghtija lilu mill-iskola u qal li l-istudju tat-tfal kien ukoll b'xejn. Dam jghix l-Indja hames snin.

Wara hames snin offrewlu biex ighallem fl-International School ta' Malta mmexxija mill-Amerikani u wara konsiderazzjoni gew Malta. Hu spjega x'gara meta gew u li sselfu Lm15,000 minghand ulied il-

konvenuta li ghadhom mhumiex imhallsin sal-lum, kif ukoll, ghamlu *loan* ta' Lm10,000 mal-Lohombus. Illi skond ix-xhud martu u wliedha akkwistaw ic-cittadinanza Maltija, huma bdew jirreagixxu mod iehor u lanqas bdew ikellmuh. Hu telaq mid-dar matrimonjali fin-1993. Spjega dwar xi oggetti li xtraw flimkien, u l-ammont ta' paga u spejjez li ghandu. Huwa sahaq li mhux vera li, kif allegat martu, li hu gie mkecci mill-ordni tal-Gezwiti. F'dan ir-rigward ipprezenta dokument mahrug mill-Provincjal tal-Gezwit fejn juri illi talab ir-rizenja u d-dispensa, liema dispensa giet moghtija mis-Santa Sede tlett snin wara li kien telaq. Inoltre` rigward l-allegazzjoni li jbati minn problemi psikologici, hu qal li jammetti li kellu *a slight depression* u kien taht il-kura ta' Dr Peter Muscat u li ghadhu jarah kull tlett xhur. Hu qed jiehu l-pilloli biex izomm d-depression tieghu stabbli. Huwa pprezenta diversi dokumenti.

Illi in kontro-ezami, huwa qal li l-ewwel ma ltaqa' mal-konvenuta kien fin-1983 bhala Gezwita. Imbaghad gie mibghut il-Libya u baqa' jikkorrispondi maghha u kien ipproponielha biex jizzewgu wara li rrizenja mill-ordni. Hu spjega kif beda jahdem. Hu qal li d-dar li Cheryl kienet tghix kienet differenti minn dik li mar ighix fiha fin-1984. Hu qal li rritorna Malta meta nghata l-kuntratt mal-Verdala International School, u li mhux minnu li kien qed isofri minn *depression* meta

waqqaf il-kuntratt. Hu pprezenta diversi dokumenti, u inoltre` elenka diversi postijiet tax-xoghol.

Illi hu zied li l-Kurja ma kienitx tat il-kunsens ghaz-zwieg imma kien hemm biss il-barka. Hu ammetta li jaghti l-lezzjonijiet privati f'La Salle Institute. It-Lm350 imsemija qabel bhala *income* ma tinkludix id-dhul mill-lezzjonijiet privati. Il-konvenuta dejjem hadmet mal-American School f'Malta ghal dawn l-ahhar hames jew sitt snin. Hi ghadha qed tahdem u bdiet meta saret cittadina Maltija.

Illi l-konvenuta **Cheryl Buttigieg** spjegat kif iltaqghu u kif spiccaw izzewgu. Hi qalet li l-attur beda jghix maghha u mat-tfal fil-proprjeta` li tatha l-iskola li kienet tahdem maghha fl-Indja, cioe Kodaikanal International School. Din id-dar kienet ilha d-dar taghhom mill-1982 u kienet kompluta bil-kumditajiet kollha li kienet gabet min-Nigeria. Qabel ma wasal l-attur fl-1985 hi qalet li kellha karozza bid-driver u zewg sefturi. Inoltre` qalet li l-attur ma kellux flus biex imantni ruhu u kienet thallas kollox hi. Huma zzewgu fl-14 ta' Frar 1985. Meta zzewgu l-attur ma kellux dispensa mill-voti u f'Marzu 1986 kellhom lit-tifel.

Illi hi qalet li meta l-attur wasal l-Indja ma kellux permess biex jahdem u seta' jibqa' biss hemm bhala turista. Kwindi kull sitt xhur ried jitlaq ghal xi perjodu u kienet hi li hallsitlu tali vjaggi. Hi qalet li huma kienu

jghixu fuq id-dhul taghha. Kien biss f'Jannar 1987 li hu gie mpjegat. Wara sentejn hu talab biex jieqaf mix-xoghol minhabba *acute depression*. F'dan iz-zmien saret taf li hu kellu diga darbtejn *nervous breakdown* u kien ircieva trattament ghal depressjoni. Huwa xtaq jigi Malta u walsu hawnhekk f'Gunju 1989. Il-konvenuta sostniet li hi ffinanzjat l-ispejjez kollha, u sa kellha tbiegh dak kollu li wirtet mill-ewwel ragel.

Illi l-istess konvenuta kompliet spjegat x'gara fl-ewwel xhur li waslu Malta u kif donnu l-attur ma setax jistabilizza ruhu f'xoghol. Kwindi hi sabet xoghol sabiex tmantni l-familja. Kien fl-1991 li l-attur mar ghand Dr Peter Muscat fejn irrizulta li l-attur kien ibati minn *maniac depression* u ghalkemm moghti medikazzjoni huwa kien jehodhom rarament. Spjegat ukoll il-kwistjoni ta' l-adozzjoni tat-tlett uliedha minn l-ewwel zwieg u nnegat dak li ntqal mill-attur li l-proceduri ma sehhewx ghax saru cittadini Maltin.

Illi l-konvenuta sostniet li l-attur ikontribwixxa minimament ghall-bzonnijiet ta' kuljum u kien ghalhekk li harget tahdem hi, u wliedha bniet kienu jahdmu bhala *baby-sitters*. Bazikament hi kompliet tispjega x'gara meta nbdew il-proceduri ghas-separazzjoni; u rigward il-manteniment u d-dejn mal-Lohombus.

Illi in kontro-ezami, qalet li meta waslet Malta fis-7 ta' Gunju 1989 dan kien bl-intenzjoni li tibqa' hawn permanentement. Wara li gew Malta hi qalet li wzaw Lm15,000 mill-flus ta' wliedha u xi flus li gew mibghuta mill-Indja fuq perjodu ta' sentejn wara l-bejgh ta' flat li kellha f'Bombay. Huma wzaw flus ohra li gew trasferiti minn *account* f'Londra ghall-Malta, madwar Lm6,000. Id-dar matrimonjali giet mixtrija f'isem l-attur u l-*monthly installments* ta' Lm78 gew imhallsa mill-attur. U wara li sseparaw hu kien qed ihallas dan l-ammont mill-manteniment ghat-tifel.

Illi x-xhud qalet li ilha tahdem mal-American School mill-1993, u taqla' madwar Lm400. It-tifel iz-zghir taghhom imur l-iskola fejn tahdem hi u qalet li thallaslu Lm780 fis-sena. Illi l-ghamara ghad-dar kien hemm parti li ngabu mill-India, parti inghataw lilhom bhala rigal u parti mixtrija minn hanut *second-hand*. Pero` il-proprjeta` mobbli diga nqasmet bejniethom. Hi ghadha toqghod fid-dar San Gwann ma l-erbat' itfal taghha. Inoltre` t-tfal taghha baghtulhom ittra ufficjali ghall-Lm15,000 liema ammont ghadu ma thallasx. Manteniment ma thallasx regolarment. Il-passaport Malti gabitu wara li l-attur ma baqax jirrisjedi fil-fond matrimonjali.

Illi meta mistoqsija dwar ic-cittadinanza Maltija hi qalet li meta applikat hi u zewgha ma kienux qed jitkellmu. Hi xtaqet titla' lura l-Indja pero` ma kienx possibbli finanzjarjament. Hu rrifjuta li jbiegh id-dar li kienet

f'ismu u peress li hi kellha parti minn flusha wzati ghall-istess dar ma rieditx thallihomlu. Inoltre` kellha flusha wkoll fuq ismu. *Di piu`* kien ukoll minhabba t-tfal.

Illi xehed ukoll **Dr Peter Muscat**, in kontro-ezami, a bazi ta' Dok RGB 2 (fol 46 tal-process). Hu qal li ra lill-attur fi Frar 1991. Is-sintomi kienu ta' *relapsing depressive disorder*, u din kienet tmur lura ghall-diversi snin qabel ma rah. Hu nghata *treatment* u mar 'il quddiem. Minn dak in-nhar baqa' taht il-kura tieghu, kellu perjodi ta' stabbililta` u kellu perjodu okkazjonali fejn id-depression regghet tfaccat. Eventwalment gie deciz li jibda jiehu *mood sabilizer* biex jikkontrolla ahjar id-*depressive disorder* tieghu. Il-kundizzjoni tieghu hija *Maniac Depressive Disorder*.

Illi kompla spjega li s-sintomi principali b'dan il-mod: '*periods of sadness which are not precipitated by any environmental or external factors. In other words they come out of the blue for no specific reason. This leads to a period of social isolation and withdrawal introvert into himself. He becomes apathic, lethargic, loses interest in himself including his personal hygiene and he neglects his food intake. He would neglect when he is in this state his work and anybody that is dear to him. … … Also he would have sleep disturbances. There might be periods where he sleeps more alternated with periods where he sleeps less, waking up early in the morning and this is called diarlant mood variation as*

*well where he would wake up in the morning more depressed. He would also have period of tearfulness and crying bouts*". Hu kompla li meta l-pazjent ikun taht kontrol u l-kundizzjoni tieghu tkun stabbli l-pazjent ikun jista' jghix hajja normali. Pero` meta ma jkunx jiflah *'he is not able to function properly just as a person*'. Spjega wkoll il-pilloli li tah. Qal li bejn Dicembru 1992 u Mejju 1993 ma rah qatt. Bejn in-1993 u n-1998 ma rahx regolarment, u rega beda jmur ghandu f'Gunju 1998.

(B) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi ghalhekk wara li l-Qorti semghet tali xhieda u rat id-dokumenti prezentati mill-partijiet waslet ghall-konkluzjoni li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba r-ragunijiet imputabbli principalment lill-attur konsistenti f'sevizzi u eccessi b'mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom mpossibli, u inkompatibilita' ta' karattru u dan in vista tal-fatt li kif xehed Dr Peter Muscat huwa kien ibati minn *depression* qabel ma kkonsulta lilu fi Frar 1991, u ghall perjodu sinifikanti qabel l-istess data. Inoltre` kif xehed hu meta jkun qed isofri minn tali kundizzjoni jkun prattikament impossibli li tghix mieghu minhabba s-sintomi msemmija minnu stess. Ghalkemm kien hemm zmien fejn din il-kundizzjoni kienet taht kontroll jidher li kien ferm difficli ghall-konvenuta li tghix mieghu. Dan kollu hu kkorroborat mill-fatt li meta waslu Malta dam

ma sab xoghol stabbli, u naqqas ghalhekk serjament mir-responsabilitajiet tieghu taz-zwieg, bil-konsegwenza li l-konvenuta kkontribwiet min-naha taghha ghall-bzonnijiet tal-familja taghha. Fix-xhieda taghha fil-fatt jissemmew diversi istanzi fejn l-attur naqas milli jaghmel il-kontribuzzjonijiet tieghu ghall-familja, u *di piu'* kien izomm idejh sew biex jissoministra l-alimenti lill-martu u lill-ibnu ghall-hajja ta' kuljum.

Illi min-naha l-ohra ma jirrizultax pruvat li l-konvenuta zzewget lill-attur sabiex takkwista c-cittadinanza Maltija. Fil-fatt irrizulta li meta kienet l-Indja hi kellha bizzejjed kumditajiet u meta accettat biex tigi Malta, wara hames snin l-Indja hi giet zradikata mill-kultura taghha. Ir-raguni li tat ghalfejn applikat ghac-cittadinanza Maltija hija wahda plawsibbli u fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija verosimili.

(C) KURA U KUSTODJA TAL-MINURI.

Inoltre` m'hemm l-ebda kwistjoni dwar il-kura u l-kustodja ta' binhom minuri Pier Luigi, peress li t-tnejn qed jaqblu li l-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun fdata f'idejn il-konvenuta bid-dritt ghall-attur ghall-hinijiet ta' visitazzjoni kif stabbiliti mis-Sekond' Awla, cioe` kull nhar ta' Sibt mill-10.30 a.m. sas-7.00 p.m. u kull nhar t'Erbgha bejn is-6.00 p.m. u 7.30 p.m.

## (D) MANTENIMENT TAL-MINURI.

Illi dwar il-manteniment dovut ghall-minuri m'hemm l-ebda dubju li ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija u ghall-bzonnijiet tieghu z-zewg kontendenti. Illi mill-provi jirrizulta li l-attur *ex admissis* ghandu paga nett mal-gvern ta' Lm350 fix-xahar u dan apparti introjtu iehor minn lezzjonijiet privati u lezzjonijiet fi skola tas-sajf li skond huwa ma jeccedux L-m250 u Lm200 annwalment rispettivament, filwaqt li l-konvenuta ghandha introjtu ta' cirka Lm400 fix-xahar.

Illi minn dak kollu li rrizulta din il-Qorti thoss li l-attur ghandu jissomministra lill-konvenuta bhala manteniment ghall-istess minuri l-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80) pagabbli kull xahar, kull pagament mensilment bil-quddiem b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u dan tenut kont tal-fatt li l-istess konvenuta peress li ghandha l-kustodja u l-kura tal-istess minuri, li jghix maghha, qed tkun tikontribwixxi wkoll sostanzjalment ghall-istess *ben essere* tal-minuri anke bil-hlas tal-mizati skolastici ndikati wkoll fl-istess provi.

## (E) KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti rrizulta li flus il-bank m'hemmx, li l-mobbli nqasmu bejniethom u li l-unika proprjeta` li hemm bejniethom hija d-dar matrimonjali

'Kodaikanal', Triq il-Korvu, San Gwann. Kwindi tali fond, peress li nxtara waqt iz-zwieg u jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, jappartjeni liz-zewg partijiet u peress li ma huwiex komodament divizzibbli ghandu jigi mibjugh in licitazzjoni, u mir-rikavat tal-istess bejgh b'licitazzjoni jithallas l-ewwel id-dejn kollu gravanti l-istess proprjeta' immobbli konsistenti fl-ammont bilancjali dovut bhala self lill-Lohombus Corporation naxxenti mill-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 (Dok. CB3 - fol.131) u wkoll l-ammont ta' hmistax il-elf lira Maltija (Lm15,000) dovut mill-istess kontendenti skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u r-rimanenti ammont rikavat mill-istess bejgh ghandu jigi maqsum bejn z-zewg partijiet nofs bin-nofs, b'dan li kull parti tiehu nofs tal-ammont rimanenti tal-prezz wara li jigu skontati d-debiti fuq indikati gravanti l-istess fond.

Illi dan qed jinghad stante li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma huwiex validu l-argument tal-attur illi ladarba l-pagament mensili lill-Bank qed ihallsu huwa dan l-ammont ghandu jitqies parafernali, u dan peress li l-flus imhallsin lill-Bank mill-attur huma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tant li l-istess pagamenti inhadu wkoll in konsiderazzjoni mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-iffissar tal-alimenti lill-minuri da parte tal-istess attur kif jirrizulta mill-istess Digriet Numru 1052/97 a fol 128 *et sequitur* tal-process.

Illi ghal dan il-ghan u sabiex issir il-bejgh tal-istess immobbli b'licitazzjoni, stante li l-partijiet jaqblu li l-istess fond ma huwiex komodament divizzibbli, hemm bzonn jitqabbad Perit Tekniku sabiex jaghmel stima tal-istess fond.

Illi dan qed jigi stabbilit stante li jirrizulta mill-provi li l-istess dejn tas-self indikat mill-Lohombus Corporation, u s-self maghmul minn ulied il-konvenuta huwa debitu wkoll tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

(F). ARTIKOLI 48,51,53, TAL-KAP 16.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti tiddikjara li m'hemmx l-estremi li jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-artikoli msemmija li l-partijiet hlief jitilfu d-drittijiet successorji taghhom rispettanti verso xulxin kif indikat fl-**artikolu 48 (1) (a) tal-Kap 16.**

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' biss it-talbiet attrici** limitatament ghal dak hawn premess u cioe`:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet

imputabbli lill-attur u senjatament li l-attur kien hati verso l-konvenuta ta' sevizzi u eccessi b'mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom impossibli, u inkompatibilita' ta' karattru, u ghalhekk mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri Pier Luigi Buttigieg f'idejn il-konvenuta bid-dritt ghall-attur ghall-hinijiet ta' visitazzjoni, cioe` kull nhar ta' Sibt mill-10.30 a.m. sas-7.00 p.m. u kull nhar ta' Erbgha bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, u stante li l-mobbli jinsabu gia maqsuma bonarjament bejn il-partijiet, tinsanzjona l-istess qasma tal-istess mobbli kif gie effettivament maghmula bejn il-partijiet, b'dan li kull parti issir proprjetarja esklussiva ta' dawk il-mobbli li llum effettivament tippossjedi, u tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti tikkomprendi biss il-fond *"Kodaikanal",* fi Triq il-Korvu, San Gwann, u d-debiti gravanti l-istess fond konsistenti fis-self maghmul bejn il-partijiet mal-Lohombus Corporation jew is-successuri taghha skond kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u l-kostituzzjoni ta' debitu skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 pubblikat minn Nutar Pierre Attard, u peress li l-istess fond ma huwiex komodament divizzibbli ghandu jigi mibjugh in licitazzjoni, u mir-

rikavat tal-istess bejgh b'licitazzjoni jithallas l-ewwel id-dejn kollu gravanti l-istess proprjeta' immobbli konsistenti fl-ammont bilancjali dovut bhala self lill-Lohombus Corporation jew *avendi causa* taghha naxxenti mill-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 (Dok. CB3 - fol.131) u wkoll l-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) dovut mill-istess kontendenti skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u r-rimanenti ammont rikavat mill-istess bejgh ghandu jigi maqsum bejn z-zewg partijiet nofs bin-nofs, b'dan li kull parti tiehu nofs tal-ammont rimanenti tal-prezz wara li jigu skontati d-debiti fuq indikati gravanti l-istess fond, u ghall-iskop ta' stima tal-istess immobbli tinnomina lill-Perit Valerio Schembri sabiex jirredigi stima tal-istess proprjeta' immobbli tal-kontendenti.

4. Tinnomina lin-Nutar Hugh Grima biex jircievi l-att opportun tas-separazzjoni.

5. Tinnomina l-kuraturi Dottor Mark Chetcuti sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumacja fuq l-att pubbliku.

6. Tichad is-sitt (6) talba stante li gia inghata provediment dwar l-istess kemm fit-talbiet attrici *supra,* kif ukoll fit-talbiet tal-kontro-talba tal-konvenuta li jsegwu.

Illi ghar-rigward il-**kontro-talba tal-konvenuta,** ghall-dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attur inkwantu inkonsistenti mal-istess, **tilqa' it-talbiet tal-istess konvenuta** fil-kontro-talba taghha biss mill-mod segwenti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur u senjatament li l-attur kien hati verso l-konvenuta ta' sevizzi u eccessi b'mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom mpossibli, u inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri Pier Luigi Buttigieg f'idejn il-konvenuta bid-dritt ghall-attur ghall-hinijiet ta' visitazzjoni, cioe` kull nhar ta' Sibt mill-10.30 a.m. sas-7.00 p.m. u kull nhar ta' Erbgha bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m.

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta bhala alimenti ghall-istess minuri l-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80) pagabbli kull xahar, kull pagament jithallas mensilment bil-quddiem b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett immedjat.

5. Tillikwida l-istess komunjoni, u stante li l-mobbli jinsabu gia maqsuma bonarjament bejn il-partijiet, tinsanzjona l-istess qasma tal-istess mobbli kif giet effettivament maghmula bejn il-partijiet, b'dan li kull parti issir proprjetarja esklussiva ta' dawk il-mobbli li llum effettivament tippossjedi, u tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti tikkomprendi biss il-fond *"Kodaikanal",* fi Triq il-Korvu, San Gwann, u d-debiti gravanti l-istess fond konsistenti fis-self maghmul bejn il-partijiet mal-Lohombus Corporation jew is-successuri taghha skond kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u l-kostituzzjoni ta' debitu skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 pubblikat minn Nutar Pierre Attard, u peress li l-istess fond ma huwiex komodament divizzibbli ghandu jigi mibjugh in licitazzjoni, u mir-rikavat tal-istess bejgh b'licitazzjoni jithallas l-ewwel id-dejn kollu gravanti l-istess proprjeta' immobbli konsistenti fl-ammont bilancjali dovut bhala self lill-Lohombus Corporation jew avendi causa taghha naxxenti mill-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 (Dok. CB3 - fol.131) u wkoll l-ammont ta' hmistax il-elf lira Maltija (Lm15,000) dovut mill-istess kontendenti skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u r-rimanenti ammont rikavat mill-istess bejgh ghandu jigi maqsum bejn z-zewg partijiet nofs bin-nofs, b'dan li kull parti tiehu nofs tal-ammont rimanenti tal-prezz wara li jigu skontati d-debiti fuq indikati gravanti l-istess fond, u ghall-iskop ta' stima

tal-istess immobbli tinnomina lill-Perit Valerio Schembri sabiex jirredigi stima tal-istess proprjeta' immobbli tal-kontendenti.

6. Tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (a) tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha kemm ghac-citazzjoni attrici u ghall-kontro-talba tal-konvenuta, kwantu ghall-zewg terzi (2/3) mill-attur u kwantu ghall-terz (1/3) mill-konvenuta, inkluz dawk tal-perit tekniku nominat b'din is-sentenza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**24 ta' Mejju, 2001**